MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 206/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Philip Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Novembru, 2000 2.20 p.m. f'Towers Supermarket, High Street, Sliema :
1) espona ghall-bejgh ghall-konsum mill-bniedem hwejjeg tal-ikel (11 pkts x 250g Alpia Alpinos u 1 pkt x 200g Alpia Torinos tal-marka Stollwerk), ippakjati minn qabel b'mod li hu falz, li jqarraq, li jinganna, jew li jkun intenzjonat li johloq jew x'aktarx johloq impressjoni zbaljata;
2) espona ghall-bejgh bi pregudizzju ghax-xerrej 6 pkts x 200g Alpia Torinos, mahsuba ghall-konsum mill-bniedem

li ma kienux tax-xorta, sustanza jew kwalita' tal-hwejjeg tal-ikel mitluba minn dak ix-xerrej.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 t'Ottubru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikolu 3.1 AL 65/92 u l-Artikolu 8(1) tal-Kap. 231 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal multa ta' mitt lira Maltin (LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata w tiddeciedi finalment din il-kawza billi tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

Li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-appellant kellu l-intenzjoni li jikkommetti r-reati koncernati u fil-fatt hu kien ha l-passi kollha mehtiega minnu bil-ligi biex jassikura li n-negozju jkun konformi mall-istess; li trattandosi ta' stabiliment kbir il-gestjoni tal-post ma tistax issir minn persuna wahda u bhala direttur responsabbli l-appellant kien assigura ruhu li jimpjega persuna kompetenti biex imexxu d-dipartimenti varji tal-istabiliment u hu kien ha l-prekawzjonijiet kollha ragonevolment mehtiega minn persuna fic-cirkostanzi tieghu biex jassigura ruhu li n-negozju isir skond il-ligi. L-appellant huwa akkuzat b'reat (Sic!) u mhux b' kontravvenzjoni u l-*mens rea* specifika ghandha tigi pruvata mill-prosekuzzjoni . Il-ligi ma tikkunndannax is-semplici zball kommess inkolpevolment. Illi bhala fatt hu kien intitolat jesponi ghall-biegh il-prodott mertu tal-kawza li kien gie spaccat fuq is-suq lokali minn importatur lokali u meta inqalghet din il-kwistjoni l-appellant kien inghata minn dan l-importatur dokument imfassal mill-esportatur esteru f' liema huwa dikjarat li d-data riprodotta fuq il-konfezzjoni bhala "*expiry date*" hi korretta u ghandha tigi segwita. Is-Supermarket ghalhekk kien intitolat jistrieh fuq id-data riprodotta fuq il-konfezzjoni

. Li il-piena fi kwalunkwe kaz hija esagerata u l-Ewwel Qorti kellha timponi piena inferjuri ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap.231 billi kull offiza li tista' tirrizulta hija "*de minimis*".

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2004, fejn il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-pakkett *"sample*" seta' jigi esebit f' dak l-istadju u li dan kellu jigi accettat bhala *sample* tal-oggetti elevati,  anki kif jidher mic-certifikat li qed jigi esebit mieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Li l-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna fil-qosor kienu s-segwenti :- Fil-kors ta' inspection kondotta mill-Health Inspector Malcolm Vella Haber u l-Casual Health Inspector Yvette Rossignaud fit-Tower Supermarket , f' High Street, Sliema, fis-16 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tas-2.20 p.m. fil-prezenza tal-appellant, li huwa Managing Director tal-istabbiliment , instabu hdax il-pakkett Alpia Alpinos u pakkett Alpia Torinos esposti ghall-biegh fuq l-ixkafef . Dawn kellhom zewg dati fuqhom. L-Alpia Alpinos kellhom "08/00" u  "exp. 01.08.01" mentri l-Alpia Torinos kellu "09/00" u "ex 01/08/01" Inoltre nstabu hames pakketti Alpia Torinos li kellhom "09/00" biss . L-appellant kien qal lill-inspectors li kien xtrahom minnghand Aquatex Limited.

Kien ittiehed kampjun wiehed ta' pakkett ta' Alpia Torinos biss u meta dan daqietu Gertrude Lanzon, Scientific Officer mall-Public Health Laboratory, sabet li kellu toma li qed jitrangat u cioe' li kellu peroxide value aktarx gholi . Ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn wiehed ikompli ghax bit-toma diga' tkun taf li l-prodott hu hazin . Ghalhekk hi kitbet "sample not of quality demanded by purchaser". Pero' ma kitbitx "unfit for human consumption". Fuq l-Alpia Torinos ma ghamlitx tests ghax hi sample wiehed kellha.

Fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant spjega kif is-supermarket jirregistra kull tip ta’ prodott li jkunu qed ibieghu fuq il-*computer system* taghhom u fost id-dettalji jirregistraw l-“expiry date” tal-istess u li darba kulljum jiccekkjaw d-dati kollha li jkunu waslu biex jiskadu . Illi fil-kaz ta’ dan il-prodott huma raw li kien hemm data tal-*expiry date* u data ohra u huma assumew li dik id-data l-ohra kienet il-*production date*, l-ewwel nett ghax hemm *gap* kbira bejn data u ohra u l-*expiry date* tant hija cara . Huma ovvjament dahhlu l-*expiry date* li tidher car fuq il-pakkett. Jekk gie ingannat xi hadd kien hu stess u hu ma inganna lil hadd. Inoltre meta hu kien informa lis-supplier , dan kien gablu ittra li kienet tghid li l-expiry date indikat kien tajjeb.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ittra, li kopja taghha tinstab a fol. 10 tal-process, mahruga mill-manufacturer STOLLWERCK AG. u ndirizzata lid-Dipartiment tas-Sahha li fil-fatt “inter alia” tghid testwalment hekk :-

*“The first date mentioned on the packaging of the Alpia Alpinos & Colorinos is the production date and the second date is the expiry date . Please note that these products are absolutely fresh and they are stored in a cool and dry place in Malta.”*

Illi mill-ezami tal-kampjun esebit bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni w d-difiza quddiem din il-Qorti , jidher li fuq il-wara tal-pakkett l-ewwel hemm stampat “08/00” b’serial number ezatt tahtu . Imbaghad xi pulzier l-isfel hemm b’tipa aktar grassa stampat jew ittimbrat “EXP 01.08.01”.

Illi f’dan l-istat tal-provi , din il-Qorti thoss illi l-ispjegazzjoni li ta l-appellant hija altru milli plawsibbli w certament anki tissupera l-grad tal-probabbli . Jekk tal-hanut jigi moghti prodott li fuq wara ghandu ittimbrat b’mod car u inekwivoku li l-*expiry date* hija certa data , hu ghandu kull dritt li jixtirieh fuqha , sakemm ma jkollux raguni ghala jahseb jew jiddubita li dik id-data hija fazulla jew falza. Issa bil-mod kif inhu l-pakkett , l-appellant kellu kull ragun jifhem li l-ewwel data hija d-data tal-manifattura , specjalment meta din hija abbinata ma *“serial number*”

immedjetament tahtha . Wara kollox dak li haseb l-appellant jinsab konfermat mija fil-mija mill-istess ditta manifattrici fl-ittra taghha lid-Dipartiment tas-Sahha li ggib data tat-30 t' Ottubru, 2000 , ossia sittax il-jum qabel ma saret l-ispezzjoni fl-istabiliment tal-appellant . Minnkejja li d-Dipartiment kien irceva din l-ittra esebita minnu stess, xorta wahda hass li kellu jmexxi kontra l-appellant taht l-ewwel imputazzjoni – haga din li din il-Qorti ftit tista' tifhem .

Kif tajjeb issottomettiet id-difiza hawn non si tratta ta' reat kontravvenzjonali imma ta' delitt (mhux reat kif erronjament jinghid fir-rikors) u dan hu dezumibbli mill-piena ta'multa jew habs preskritti ghall-ksur tal-istess skond l-artikolu 57 (2) u (3) tal-Kap. 231 moqri flimkien mall-art. 7 (1) tal-Kap.9 . Ghalhekk il-Prosekuzzjoni trid tipprova li, fl-agir tieghu, l-appellant kien qed jimxi bl-intenzjoni li jesponi ghall-biegh ghall-konsum prodott ippakkjat b'mod li kien jaf li hu falz , li jqarraq , li jinganna jew li jkun INTENZJONAT li johloq jew x'aktarx johloq impressjoni zbaljata. Igifieri hawn irid ikun hemm l-element intenzjonali u mhux xi kaz ta' zball genwin jew ta' nonkuranza. Issa dan mhux biss li ma giex pruvat f'dan il-kaz , anzi c-cirkostanzi kollha jindikaw li l-appellant kien qed jagixxi in pjena buona fede .

Illi huwa minnu li skond ir-Regolament 8 tal-Avviz Legali 65 /1992 id-data ta' "minimum durability of a food" suppost li tigi ndikata fuq il-label bil-kliem "best before" segwita mid-data u mhux bl-abbrevjazzjoni "EXP" u d-data kif hemm fuq is-sample esebit , pero' l-appellant ma nstabx hati skond dar-regolament , imma skond ir-regolament 3.1 tal-Avviz Legali fuq imsemmi u l-artikolu 8 (1) tal-Kap.231.

Ghalhekk l-appell dwar l-ewwel imputazzjoni jidher gustifikat .

Illi pero' l-istess ma jistax jintqal dwar it-tieni imputazzjoni li hija marbuta biss mall-kwalita' tal-prodott Alpia Torinos indipendentement mill-ippakkettjar tieghu . Kif gja intqal mis-sample li gie ttestjat mix-xhud Gertrude Lanzon, dan instab li kellu l-*organic properties* qed jiddeterjoraw w

kellu toma li turi li beda jitrangat li hija indikattiva li kellu livell oghola ta' peroxide value. Dan irrenda l-prodott mhux ta' kwalita' rikjesta mill-konsumatur fl-opinjoni tax-xhud u gie hekk certifikat. Ma ngabat ebda prova kuntrarja ghal din il-kostatazzjoni u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tistrieh fuq id-depozizzjoni tax-xhud Lanzon ghar-rigward tal-kwalita' ta' dan il-pakkett li gie assaggjat.

Illi rrizulta li l-appellant hu *managing director* tas-socjeta' operatrici tas-supermarket u cioe' C.C. Commercial Projects Ltd. (fol. 22) u skond l-artikolu 60 tal-Kap.231 meta l-persuna hatja ta' reat kontra xi dispozizzjoni tal-Kap.231 tkun kumpanija jew ghaqda jew korp ta' persuni , kull persuna li fiz-zmien tar-reat , tkun direttur, manager jew ufficjal iehor tal-kumpanija , ghaqda jew korp, titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat , kemm il-darba ma tipprovax li dak ir-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex ma jsirx ir-reat.

Issa fil-waqt li fil-kaz tal-ewwel imputazzjoni , l-appellant , fil-kapacita' tieghu fuq imsemmija, wera - al menu sal-grad tal-probabbli zgur - li l-kumpanija u anki hu ma setax ikun jaf b' xi falz jew ingann fl-ippakkettjar tal-prodott , jekk stess kien hemm xi falz jew ingann simili,ma saret ebda prova da parti tieghu li ha xi passi partikolari biex jara li l-prodotti li kellu ghall-biegh kienu tal-kwalita' rikjesta u mitluba mill-konsumatur u dan ghalhekk jirrendih hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 8 (1) tal-Kap.231 **limitatament biss ghall-pakkett wiehed ta' Alpia Torinos** li gie elevat u ttestjat mill-awtoritajiet tas-Sahha Pubblika u misjub fi stat li beda jiddeterjora. Dan pero' fil-fehma tal-Qorti hu nuqqas ta' "natura hafifa" kif mahsub fl-ewwel proviso tal-art. 57 tal-Kap.231.

Ghalhekk fil-waqt li l-appell ghar-rigward tas-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni jidher fondat , mhux l-istess ghar-rigward tas-sejbien ta' htija ghat-tieni imputazzjoni .

Illi ghar-rigward il-piena , in vista tal-konkluzzjoni fuq raggunta , din trid tkun riflessa fil-piena. F'dan il-kaz peress li l-Qorti thoss li dan ir-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni , u kif fuq cirkoskritt ghall-pakkett wiehed li

fil-fatt gie analizzat ( jew ahjar assaggjat ) huwa ta’ “natura hafifa” , skond ma jiddisponi l-ewwel proviso tal-artikolu 57, ghalkemm miill-fedina penali aggornata tal-appellant jidher li din mhux l-ewwel darba li hu nstab hati ta’ reat simili, ghax fis-16 t’ Ottubru, 2002 kien instab hati ta’ ksur tal-istess regolamenti u moghti provvediment skond il-Kap.152 tal-Ligijiet ta’ Malta, hu l-kaz li din il-Qorti tapplika proprju l-piena kontemplata fl-istess proviso ghat-tieni reat .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament kif gej u cioe’ billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni pero’ dan b’riferenza biss ghal pakkett wiehed ta’ 200g Alpia Torinos  w tirrevokha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn ikkunndannatu ghall-multa ta’ mitt lira (LM100) u minnflok ma ssibux hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha w tikkundannah ghall-ammenda ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20) a tenur tal-ewwel proviso tal-Art. 57 tal-Kap.231.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------